MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 512/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Philip Agius & Sons Limited.**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta attrici nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Settembru 2008 fejn talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta’ elf sitt mija u tmien liri u tlieta u sittin centezmu Maltin (LM1,608.63) rapprezentanti danni minnha sofferti f’*cable* proprjeta tal-korporazzjoni attrici, danneggjata minnha minn impjegati taghha f’Triq l-Majjieri, kantuniera ma Triq l-Istamnar, Qawra u liema danni gew kkagunati nhar l-ghaxra (10) ta’ Frar 2003, kif ukoll tal-imghaxijiet legali dekorribli minn dakinhar tal-prezentata tal-avviz sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub u bis-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi la s-socjeta konvenuta u lanqas l-impjegati taghha m' ghamlu hsara f'*cable* proprjeta tal-Korporazzjoni attrici fi Triq il-Majjieri, kantuniera ma Triq l-Istamnar, fil-Qawra kif allegat mill-korporazzjoni attrici w ghalhekk is-socjeta konvenuta ma kienitx responsabbli ghall-kawza jew l-kawzi ta' danni allegati mill-korporazzjoni attrici.

2. Illi hija s-socjeta konvenuta li hija kreditrici tal-Korporazzjoni attrici fl-ammont ta' LM1608.62 rapprezentanti l-bilanc ta' hlas dovut mill-Korporazzjoni attrici lis-socjeta konvenuta ghal diversi xoghlijiet maghmula mis-socjeta konvenuta lill-Korporazzjoni attrici fuq ordni w inkarigu specifiku ta' l-istess korporazzjoni, liema kreditu jifforma l-mertu ta' kawza korrenti li ggib in-numru 387/2004CSH quddiem din il-Qorti kif preseduta.

3. Illi ghalhekk hemm lok li dawn iz-zewg kawzi jigu trattati flimkien ghall-ekonomija tal-gudizzju.

**Charles Fenech** xehed nhar l-ghoxrin (20) t'April 2005 u stqarr li fl-ghaxra (10) ta' Frar 2003 il-Korporazzjoni kienet irceviet rapport li kien hemm postijiet bla dawl fil-kantuniera bejn Triq il-Majjieri u Triq l-Istamnar, il-Qawra. Huwa ghamel *test* tal-*cable* u dan indikalu ezattament fejn kienet il-hsara u dana sab illi l-*cable* kien danneggjat f'post fejn kienet saret trinka fi zmien recenti u li kienet diga mghottija bit-*tarmac*. Huma gabu l-permessi biex setghu jifthu l-*cable* ghal darb ohra, u sabu li l-*cable* kien milqut minn naha ta' taht. Huwa ghalhekk dakinhar stess, gibed xi ritratti tal-hsarat li sab u dawn gew esebiti u markati bhala Dok. CF 1 u Dok. CF 2. Immedjatament wara huwa ta istruzzjonijiet biex ikun jista jibda jissewwa l-*cable* u ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija. Huwa ghamel l-istima tal-hsara li hemm sabiex din tittranga u tali stima giet esebita u mmarkata bhala Dok. CF 3. It-tiswija sussegwentement saret u ntefaq l-ammont ta' flus

imsemmi fl-avviz ta' LM1.608.63. Wara sar jaf li x-xoghol sar mis-socjeta konvenuta u dan fuq istruzzjonijiet tas-socjeta attrici. Spjega li qabel ma jsir xoghol mill-impjegati tas-socjeta attrici, din tibghat ir-rapprezentanti taghha sabiex jindikaw is-servizzi taghhom u dan isir sabiex il-kuntrattur juza dik id-diligenza necessarja sabiex jigi evitat li jsir xi hsara. Jghid li pero min kien ghamel ix-xoghol fl-interess tas-socjeta konvenuta ma jafx u lanqas ma jaf min kien it-tekniku tal-Enemalta li ta l-istruzzjonijiet ta' fejn kellu jsir ix-xoghol.
Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Jannar 2006 u spjega li d-daqqa li kellu l-*cable* kien wassal li meta kien hemm l-ilma, l-*cable* ixxarrab u qata' l-provvista. Id-daqqa kienet kawzata minn x'ingenji w il-*cable* kien mghattan. Biex issewwa dan il-*cable* kellu ikun hemm zewg ġonot b'bicca *cable* bejniethom.

**Ivan Castillo** xehed nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2005 u dan fil-kapacita tieghu ta' Senior Distribution Technical Officer mas-socjeta attrici fid-distrett tal-Qawra. Jghid illi huwa kien il-persuna responsabbli sabiex inghata il-kuntratt lis-socjeta konvenuta sabiex taghmel l-iskavar necessarju. Jghid illi id-daqqa fuq il-*cable* irrizultat ftit wara li is-socjeta konvenuta kienet spiccat mix-xoghol taghha proprju f'dik il-lokalita fejn intlaqat il-*cable*. Ikkonferma li Philip Agius ma rrapurtalu l-ebda hsara fil-*cable*. Jghid li kien Charles Fenech li rega' ħaffer il-post sabiex jara fejn kien ezattament il-hsara. Ikkonferma wkoll li s-socjeta konvenuta kellha l-permessi kollha sabiex taghmel ix-xoghol li kienet qed taghmel. Jispjega li qabel ma inbeda x-xoghol, huwa kien immarka fuq il-post fejn kien ghaddej il-*high tension cable* u kien indika l-istess lil iben Philip Agius, certu Mario, li kien qed jopera l-*excavator* tas-socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta kienet qed tahdem bit-*trencher*, bil-*JCB* anke bl-idejn. Jghid ukoll li l-unici xoghlijiet li saru f'dik il-lokalita dak iz-zmien, kienu xoghlijiet mis-socjeta konvenuta. Il-hsara fit-trinka irrizultat l-ghada li spiccat ix-xoghol is-socjeta konvenuta. Jghid ukoll li Philip Agius kellu jhaffer it-trinka, u jpoggi xi *cable* u jerga' jimla it-trinka. Ix-xoghol li kellha tghamel is-socjeta skond il-kuntratt li kellha mal-Enemalta, kellha taghmlu fi zmien jumejn jew tlieta.

Stqarr li ma kienx hu li nvestiga l-kaz, izda Carmel Fenech.
In kontro-ezami jghid li x-xoghol li kellha taghmel is-socjeta konvenut kien proprju ma gemb il-*cable* li kien hemm.

Illi nhar l-20 ta' Ottubru 2005 ix-xhud esebixxa pjanta tal-lokal li giet markata bhala Dok. JC 1. Din il-pjanta turi bl-linja *blue* il-*High Tension Cable* illi kien hemm installat fil-lokal u l-lija turi l-*cable* li gie stallat mill-kuntrattur konvenut. Fejn jiltaqghu dawn iz-zewg linji huwa ezatt fejn intlaqat il-*cable* u fejn saru r-riparazzjonijiet.

Huwa spjega li l-ispazju ta' bejn il-*low tension* ta' fuq u l-*high voltage* t'isfel, ghandu jkun ta' madwar ghoxrin centimetru u suppost ukoll li bejn il-*cables* jkun hemm *slabs* u materjal biex il-*cables* jinzammu separati. Mistoqsi jekk din kienitx is-sitwazzjoni odjerna, x-xhud qal li ma jistax ighid jekk kienx il-kuntrattur li nizel aktar fil-fond meta kien qed ihaffer jew il-*high tension* kienx f'xi livell aktar gholi milli suppost. Jikkonferma pero li kien hu li mar personalment fuq il-post u mmarka fejn kien kien ghaddej il-*cable*. Jghid li l-apparat li kellu jindika l-profondita tal-*cable* izda huma ma jghamlux dawn il-misurazzjonijiet, izda jindikaw biss id-direzzjoni tal-*cable*. Ma jindikawx il-profondita, ghaliex is-sengha u l-arti tirrikjedi li fejn ikunu indikaw li ghadejja il-*cables*, ix-xoghol ma jsirx bil-mekkinarju tqil, imma jekk jista jkun isir l-idejn. Qal illi huwa kien qed jissorvelja ix-xoghol li kienet qed taghmel is-socjeta konvenuta, izda fuq il-post il-hin kollu ma kienx ikun. Mistoqsi jekk kienx prezenti meta s-socjeta konvenuta kienet qed tahdem fuq il-*point of intersection*, jghid li ma jafx li kien. Ikkonferma li l-Maltacom ghamlet ukoll xi xoghol f'dawk l-inhawi, izda mhux fejn sehhet il-hsara. Huwa esebixxa wkoll il-pjanta li tindika fejn ghaddew il-*cables* tal-Maltacom li giet immarkata bhala Dok. JC 2. Huwa ndika bil-kulur blu, il-*point of intersection* bejn il-*cable* tal-Maltacom u l-*cable* tal-*high tension* w indika bil-kulur ahmar l-*point of intersection* bejn il-*cable* tal-*high tension* u l-*cable* li poggiet is-socjeta konvenuta. Dawn huwa vicina ghaliex

il-pjanta hija zghira u *to scale*. Qal ukoll li l-hsarat fil-*cables* setghu gew kagunati wkoll billi tpogga materjal hazin taht il-*cable*.

Illi nhar il-hdax (11) t'April 2006 huwa esebixxa pjanta ohra li giet markata bhala Dok. IC 3 w indika fejn kien hemm il-hsara u ntlaqat il-*cable*.

**PS 1174 Adrian Sciberras** stqarr li fi zmien tal-incident huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija Qawra, u kien mar ikelmu l-Ingineer tal-Korporazzjoni Enemalta, certu Charles Fenech u rrapurtalu li kien hemm xi hsara f'xi *cable* fi Triq l-Istamnar. Qal li fuq il-post sab li kien ghaddej ix-xoghol t'eskavazzjoni w ghalhekk kien ikkomunika mal-Kunsill Lokali tal-Qawra sabiex jara min kien inkariga dan ix-xoghol. Pero rrizultalu li huma ma kienu inkarigaw lil hadd jaghmel xi xoghol f'din it-triq.

**Mario Agius,** Direttur tas-socjeta konvenuta xehed nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2006 fejn spjega li s-socjeta konvenuta ilha tiehu kuntratti minghand is-socjeta attrici ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Qal li s-socjeta tieghu kienet irceviet struzzjonijiet minghand is-socjeta attrici tramite Ivan Castillo, sabiex isir xi xoghol fi Triq l-Majjiera, fejn kellu ihafer trinka ta' 750 millimetru fond u 450 millimetru wiesgha u dan sabiex jitqieghed go din it-trinka *low tension cable*. Huwa ghalhekk kien applika ghall-permessi kollha necesarji sabiex beda bix-xoghol f'Jannar tas-sena 2003. L-ADT hargitlu l-permess biex ighamel l-iskavazzjoni rikjesta f'din it-triq. Huwa dam jahdem erbat ijiem fuq dan is-sit mill-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2003 sa l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2003, iz zewg granet inkluzi. Spjega li r-rapprezentanti tal-Utilities kollha gew fuq il-post qabel ma beda bix-xoghol u mmarkaw fejn kellhom xi servizz jew *cable* ghaddej u fejn kien jirrigwarda x-xoghol li ha jghamel hu. Ir-rapprezentanti tal-Enemalta kienu jafu sew illi se jghamel dan ix-xoghol ghaliex baghtu rapprezentant taghhom u mmarkaw il-*cables* li ghandhom ghaddejjin fil-vicinanzi u mmarkaw ukoll il-*cable* li llum qed ighidu li ghandu xi hsra fuqu. Qal li Ivan Castillo kien orezenti waqt li kien qed isir ix-xoghol. Qal illi huwa ma iltaqa' ma

l-ebda problema waqt li esegwixxa ix-xoghol li kien inkarigat biex jghamel.

Qal li huwa ma harigx il-kont ghax-xoghol li kien ghamel peress li kellu jiltaqa' mal-*foreman* tal-korporazzjoni sabiex fllimkien jiehdu l-kejl, izda qabel ma lahaq ghamel hekk, ircieva *invoice* minghand l-istess korporazzjoni, fejn gie mitlub ihallas is-somma ta' Lm1608.63 ghall-hsarat li suppost ghamel hu f'xi *high tension cable* fejn kien qed jahdem. Qal illi ghalhekk huwa fetah kawza ghal flus li kellu jiehu. Jghid li huwa sar jaf li l-hsara fuq il-*cable* avverat ruhha fl-ghaxra (10) ta' Frar 2003, jigifieri kwazi xahar wara li huwa lesta mix-xoghol u generalment il-*cable* meta jintlaqat, jesplodi dak il-hin. Kellem ukoll lil certu Paul Fenech li kien it-tekniku nkarigat biex jinvestiga din il-hsara u staqsih kif wasal li qal li l-hsara ghamilha hu u dan qallu li kien kkonkluda li l-hsara ghamilha hu ghax kien l-ahhar wiehed li hadem f'dak il-post.
Qal ukoll illi huwa jahdem mal-Enemalta fuq *roster* u jkun tal-ghassa u fil-gurnata meta sehh l-allegat hsara huwa kien tal-ghassa, izda hadd ma kien cempillu biex jirrapporta l-hsarat. Huwa esebixxa din ir-*roster* li giet markata bhala Dok. MA 15 (fol 58). Matul din il-pendenza l-istess Korporazzjoni taghtu wkoll kuntratt iehor ghal skavazzjoni. Meta l-Korporazzjoni Enemalta irrangat l-*cable*, is-socjeta konvenuta ma gietx imsejha sabiex tara l-allegat hsara.

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2006 s-socjeta konvenuta esebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. MA 1 sa Dok. MA 15.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta' nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li "**kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu**";

Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali 'n subjecta materia, u tennuncja l-principju 'n virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; (**D'AMATO MICHAEL NOE vs SPITERI FILOMENA ET** deciza nhar t-tlieta (3) t'Ottubru 2003 mill-Qorti ta' l-Appell sede Inferjuri)

Issa, kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili, hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil, izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' hsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi 'n *criminalibus* ghan-nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali, illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti w accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali 'n rigward ghall-evitabilita` tal-hsara. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-*vis major*.
M'ghandux ikun dubitat illi meta wiehed jizvolgi attivita` li minn natura stess taghha u tal-mezzi adoperati tista' titqies perikoluza, bhal fil-kaz tal-hruq tal-loghob tan-nar, huwa jinhtieglu jiddimostra li ha hsieb japplika l-mizuri idoneji u l-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jevita l-hsara. L-oneru ta' prova bhal din tispetta lilu w ghandha tkun ukoll wahda rigoruza. Xejn ma tiswa' s-semplici prova negattiva illi hu ma kkommetta l-ebda vjolazzjoni ta' dover, izda jinkombi fuqu li juri manifestament u bi prova pozittiva, illi huwa addotta kura u prudenza biex jilqa' kontra l-possibilita` ta' konsegwenzi dannuzi;

Issa hu minnu, kif maghruf, illi t-tfal spiss drabi ghandhom dak li jissejjah "*mischevious propensity*", li jingibdu ghal dawk l-affarijiet li huma ta' perikolu, b' mod li allura jista' jinghad li tali oggetti perikoluzi jikkostitwixxu xi '*allurement*' jew xi '*trap*' jew xi '*concealed danger*'.

Ragjonevolment ghalhekk, meta dan hu hekk konoxxut min hu responsabbli, ghandu juza attenzjoni massima u jassikura ruhu, b' adempiment shih tal-ligi u tar-regolamenti u bit-tehid ta' mizuri effettivi, biex jilqa' ghal sitwazzjonijiet konsimili.

Minn naha l-ohra, mhux mistenni li l-mizuri prekawzjonali adoperati jigu infranti mir-ricerkaturi ta' l-att illecitu u abuziv.

Il-principju legali "*volenti non fit iniuria*", isib applikazzjoni meta min isofri d-dannu jkun huwa stess li liberament u volontarjament b'konsapevolezza shiha tan-natura u l-entita` tal-periklu implicitament qabel li jesponi ruhu ghalih.

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li min ifittex ghad-danni, irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza, izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandha konnessjoni ta’ kawza w effett mad-danni sofferti. **(Vol. XXX p 111 p 147).**

B’dana kollu jezizti sitwazzjoni fejn il-fatti dannuzi jew l-impronti tal-hajja b’mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jiftiehem li pprova anke il-htija u allura ikun dmir ta’ min ikun kagun ta’ dawk il-fatti li jpprova li ma kellux htija filli ssucceda.(**Vol. XX1V p 893).**

Issa f’dan il-kaz jirrizulta mill-provi prodotti li kien hemm hsara f’xi *cable* gewwa l-Qawra u bhala rizultat ta din il-hsara ir-residenti tal-Qawra ghamlu xi hin bla dawl. Jirrizulta ukoll li fejn sehh il-hsara is-socjeta konvenuta kienet ghamlet xi xoghol ta’ thaffir ghal xi *cable*. Illi dawn il-fatti ma jidhrux li huma kontestati.

Illi pero s-socjeta konvenuta tichad li laqtet xi *cable* u fil-fatt tghid li dakinhar li allegatament intlaqat dan il-*cable* u cioe fl-ghaxra (10) ta' Frar 2003, is-socjeta kienet ghassa mal-Korporazzjoni Enemalta (vide dok MA 15) ghal eventwali kaz ta' xi hsara fis-sistema elettrika hawn Malta u hadd ma kien cempel w ghamel rapport ta xi hsara. Illi s-socjeta konvenuta tghid li huma kienu hadmu fuq dan is-sit bejn il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2003 u l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Jannar 2003, u cioe dsatax-il jum qabel ma gie rapportat il-hsara w ghalhekk, kif stqarr l-istess Mario Agius, kieku kienet is-socjeta konvenuta li ikkawzat din il-hsara, il-*cable* kien jispara hafna qabel.

Illi is-socjeta attrici fl-ebda hin ma pprovat l-allegat negligenza tas-socjeta konvenuta li bhala rizultat ikkawzat id-danni sofferti mis-socjeta attrici.

Illi kien kompitu tas-socjeta attrici li tipprova dan.

**Illi hija l-fehma konsidrata tal-Qorti li s-socjeta konvenuta irnexxilha tiskolpa ruha mill-addebitu ta' htija konsiderati ċ-ċirkostanzi kollha relattivi flimkien. Ma tezisti l-ebda prova sufficjenti tan-negligenza fl-operat tas-socjeta konvenuta waqt li hija kienet qed tghamel ix-xoghol.**

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta qieghda tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi jithallsu mis-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------